# Il-Kappella ta' Santa Luċija tal-Barrani

Kitba ta' Dr. Mario Rizzo Naudi

Meta il-Maltin kienu jgħixu minn fuq ir-raba' u f'komunitajiet żgħar, kienu jaħsbu biex ikollhom xi kappella tagħhom. F'Malta hawn aktar minn mitejn waħda, u saħansitra hemm waħda fuq Kemmuna. L-ebda waħda mhi l-istess; kull waħda għandha s-sbuħija u storja x'tirrakkonta. Ħafna minnhom huma marbutin ma' tradizzjonijiet, leġġendi u drawwiet. Il-maġġoranza ta' dawn il-kappelli jinsabu mitluqin u abbandunati, mingħajr ħadd ma jiċċaqlaq biex idewwielhom il-ġrieħi li ġarrbu maż-żminijiet.

L-istruttura u l-ħajja antika madwar il-kappella ta' Santa Luċija tal-barrani dejjem kienet tniggiżli l-immaġinazzjoni tiegħi. Ngħaddi minn ħdejha kuljum u l-istat tagħha kien jiffastidjani. Tkellimt ma' ħafna anzjani ta' Ħal Għaxaq fuq din il-kappella medjevali u dawn żiduli l-ħerqa li nibqa' nfittex l-istorja tagħha.

Li nerġa' nara din il-kappella tintuża saret ix-xewqa kbira tiegħi. Meta kont iddiskutejt il-ħsieb ma' ħabib tiegħi, Karmenu Mizzi ta' Gandolla (illum joqgħod Marsaxlokk imma mwieled Ħal Għaxaq) kien qalli li huwa kien ġabar l-istorja tal-kappella mill-kotba tal-Kurja. Huwa kien qara l-viżti pastorali u b'hekk kien ħareġ l-istorja ewlenija tal-kappella.

*Fil-viżta tiegħu fit-3 ta' Ottubru 1745 l-Isqof Alpheran de Bussan, kiteb rakkont konċiż u żar fuq l-istorja tal-kappella. Il-kappella rurali ta' Santa Luċija nbniet fis-seklu 16 fuq art mogħtija lill-Katidral ta' l-Imdina fl-1535 minn Nobbli Paola Pellegrino li imponi fuq il-prokuratur tal-Katidral li jagħmel tliet quddisiet it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa ta' ġimgħa li tkun, fis-sena għall-bżonnijiet ta' ruħu. L-ordnii tal-bini ta' din il-kappella ġie maħruġ fid-9 ta' Ġunju 1535 b'digriet tal-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi u l-Ġurati ta' l-Università. Kienet kappella kanonikali li minnha kien jitħallas Kanonku li min-naħa tiegħu kien obbligat li jħallas għall-ispejjeż tal-festa u jagħti xi flus lill-foqra. Tard fis-seklu 17 l-Isqof Palmieri ddeskriviha li kellha parapett fuq quddiem. Fl-1737 l-Isqof Alpheran jagħti l-istess deskrizzjoni imma l-Isqfijiet Pellerano 1777 u Labini 1781 jiddiskrivu l-antikità tal-kappella u li s-saqaf kien ippuntat fin-nofs. Fl-1636 il-kappella kienet deskritta li tħares lejn il-Punent, lejn il-Katidral ta' l-Imdina. Il-parapett kien imdawwar b'ċint li quddiemu kien hemm ċimiterju mdawwar b'ċint ukoll. L-Isqof Balaguer jgħid li kien hemm bank tal-gebel in-naħa tal-Punent mal-faċċata u li l-artal kien mal-ħajt tal-Lvant. Fl-1679 l-Isqof Gerolamo Molina ordna li żewġ twieqi jinfetħu fil-faċċata tal-Punent, waħda kull naħa tal-bieb. Kien hu li ta l-ordni li jitwaħħal salib fuq il-bejt. Fl-1693 l-Isqof Cocco Palmieri ordna li jsir restawrazzjoni ta' l-arkati u li l-kappella tiġi mbajda. Fl-1686 l-Isqof Palmieri ordna li l-gebla mqaddsa tiġi mwaħħla fl-artal u li jinxtraw 4 gandlieri għall-artal.*

Din kienet biċċa żgħira ta' l-istora miktuba tal-kappella. Hemm il-ħsieb li jiġi ppubblikat ktieb fil-futur qarib.

Fit-tfittxija tat-tip ta' ħajja madwar din il-kappella sibt ħafna anedotti. Persuna partikolari, Paul Zammit jiftakar li meta kien abbatio kien ikun imħeġġeġ jgħin il-quddiesa. Wieħed mill-qassisin li kien jgħinu l-quddiesa kien Dun Alwiġ Zammit (ta' Barbetta) miż-Żejtun. Is-Sur Zammit, illum pensjonant jirrakkonta li kull Diċembru 13 ta' kull sena, kienet titlaq purċissjoni mill-parroċċa ta' Ħal Għaxaq, tgħaddi minn Triq San Filippu, Triq il-Belt sal-kappella ta' Santu Kristu. Wara talba żgħira l-purċissjoni kienet tgħaddi mill-isqaq biswit it-torri ta' Kalamija u tispiċċa l-kappella fejn kienet issir quddiesa. Barra l-Għaxqin kienu jiġu nies mill-Gudja, kif ukoll minn Ħal Tarxien. Jiftakar li l-qassis kien jgħidlu li din il-kappella tiġbor il-qbiela ta' l-għelieqi kollha ta' madwarha.

Is-sena l-oħra l-Kurja u l-Kapitlu tal-Katidral ta permess lill-Kappillan ta' Ħal Għaxaq biex jirranġa u jagħmel manutenzjoni fil-kappella. Numru ta' volontiera u benefatturi ngħaqdu u dan il-proġett mexa ħafna 'il quddiem. Nista' ngħid li minn ġewwa kważi kollox tlesta. Li fadal huwa xogħol madwar il-kappella fuq barra. Fit-13 ta' Diċembru 2004 saret il-quddiesa tal-festa ta' Santa Luċija li barra l-Kappillan Fr. Martin Micallef qaddes ukoll il-Mons. Victor Grech. L-attendenza kienet kbira u nġabar ħafna ikel li ngħata lill-Caritas.





